# TKUN BISS IL-KNISJA TA' KRISTU LI SSALVA?

**George Ebejer**

Meta l-knisja ta' Kristu tiġi msemmija lil ħafna, l-ewwel tweġiba tagħhom tkun, "O, dawk jemmnu li huma biss sejrin isalvaw." Xi ftit taż-żmien ilu tiegħi saħansitra qalli ċajta dwar dak li hu kien iħoss dwar il-knisja ta' Kristu. Hu qalli hekk: "Kien hemm raġel, likien għadu kif mar il-Ġenna. Pietru kien qiegħed idawru meta dan staqsieh, "X'inhu dak il-bini żgħir li hemm waħdu?" Pietru wieġbu, "Għoqod kwiet! Dak hu l-knisja ta' Kristu; huma jaħsbu li huma biss qegħdin hawn fuq."

Forsi anke int ukoll staqsejt il-mistoqsija kif rajtha jien f'ittra xi żmien ilu: "Tgħallmu intom li dawk biss li huma membri fil-knisja ta' Kristu jsalvaw? Jekk jogħġbok agħti tweġiba ta' 'iva' jew 'le'." Sfortunatament ebda tweġiba ta' sodisfazzjon, twila jew qasira, ma tistax tiġi mogħtija sakemm il-mistoqsija stess tkun mifhuma sewwa. Per eżempju, kif tista' inti twieġeb jekk temminx fil-*mirakli* sakemm it-terminu "mirakli" jkun imfisser jew li jfisser "mirkali" ta' l-appostli jew wieħed mill-ħafna sinjali ta' mirakli moderni.

Hekk ukoll dwar il-mistoqsija "Tkun biss il-knisja ta' Kristu li ssalva?" Sakemm aħna naqblu dwar it-termini "knisja ta' Kristu" u "salvi," huwa impossibbli għal tweġiba li tkun sodisfaċenti.

1. *L-ewwel ħares lejn it-terminu "salvi." Xi jfisser li tkun "salv," u kif din "is-salvazzjoni" ssir?*

A. Kważi l-gruppi kollha li jippretendu li jimxu wara t-Testment il-Ġdid issa jaqblu li *persuna tagħmel xi ħaġa dwar is-salvazzjoni tagħha nfisha*. Ħadd, madankollu, qatt ma jista' jaqla' jew jimmeritah li jsalva, iżda hu għandu jagħmel xi ħaġa minn naħa tiegħu *biex jippretendi s-salvazzjoni li Alla jagħti bil-grazzja Tiegħu*.

B. Imma kif wieħed jippretendi l-offerta ta' Alla li ssalva? Għad illi din xi drabi tiġi mħollija barra, hemm ukoll ħafna qbil dwar liema kmandamenti l-Bibbja tagħti lilna biex nosservawhom.

L-ewwel, aħna għandna nagħrfu li hemm ħafna azzjonijiet li "kull predikatur" jaqbel li huma tajbin. Bosta gruppi reliġjużi jistgħu, f'xi każi, jagħtu enfasi speċjali jew "iduru" għal xi tagħlim minn dawn, imma kull persuna li tippretendi li hija Kristjana tħoss li kull waħda minn dawn li ġejjin għandha tkun mixtieqa jew ta' benefiċċju għal l-isforzi ta' wieħed biex tgħix kif il-Mulej tagħna Ġesù Kristu jixtieq: (1) li temmen u jkollok il-fidi (Atti 16:31); (2) li titbiegħed mid-dnub u f'penitenza ħalli tibda tosserva l-eżempji ta' Kristu (Atti 17:30); (3)

li tistqarr il-fidi f'Ġesù (Rumani 10:9-10); (4) li titgħammed (Atti 22:16); (5) li tattendi s-servizzi tal-knisja u tqim b'manjiera aċċettabbli (Lhud 10:25; Ġwanni 4:24); (6) li tistudja l-Bibbja Mqaddsa (1 Timotju 4:13; Lhud 5:12); (7) li tgħix ħajja morali tajba (Ġalatin 5:18-20); (8) li tħobb lil Alla u oħrajn (Mattew 22:37-39); (9) li ta-ħdem biex tagħmel ġid spiritwali u fiżiku għall-bżonnijiet ta' l-oħrajn (Galatin 6:10; Mattew 28:18-20); u (10) li turi progress kontinwu fl-għarfien ta' Alla (2 Pietru 3:18).

Issa dawn huma mgħallma f'kull knisja għaliex kull waħda minn dawn, kif inti taf, hija biċ-ċar mgħallma fl-Iskrittura Mqaddsa. Ħadd ma jista' jirraġuna li xi waħda minn dawn hija jew mhix skond l-Iskrittura jew mhix mixtieqa.

C. Fejn, allura, tinsab id-differenza? L-aktar differenza sinjifikanti dwar dawn is-suġġetti tiġi fil-mistoqsija ta' **meta** l-persuna li tibda nieżla l-isfel dawn l-opri tkun meqjusa bħala "salva," jew li tkun xierqa għall-wegħdiet ta' Ġesù. F'liema punt f'dan is-serje ta' azzjonijiet dik il-persuna tkun tassew meħlusa minn dnubietha jew **salva**? Im-wielda fil-familja ta' Alla. "*imdaħħal fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13).

**FIDI**

**INDIEMA**

**STQARRIJA**

**MAGĦMUDIJA**

**QIMA**

**STUDJU**

**MORALI**

**IMĦABBA**

**SERVIZZ**

**TAKTIR**

**META WIEĦED IKUN SALV?**

Dwar din il-ħaġa hemm differenzi li għandhom ikunu magħrufa, u huwa t-tibdil f'dan il-proprju punt li jagħti lil xi wħud mis-suġġetti msemmija tifsiriet differenti fost gruppi differenti. Xi wħud igħallmu, per eżempju, li wieħed ikun salv hekk kif hu jemmen, u huma ta' spiss jesprimu d-

dottrina tagħhom b'termini ta' "salvazzjoni bil-fidi biss." Grupp ieħor igħid, "Le, persuna tkun salva meta hija tkun emmnet u nidmet." Madankollu, ieħor jista' jgħid, "Persuna ma tkunx verament twieldet mill-ġdid sakemm hija tkun mgħammda fl-ilma."

Issa din id-differenza ma tistax tiġi stabbiltà sempliċiment billi nsibu vers fil-Bibbja li jikkmanda wieħed jew l-ieħor minn dawn il-ħwejjeġ, għaliex aħna diġa' qbilna li kull wieħed minnhom huwa mgħallem fil-Bibbja. 1 Pietru 3:21, per eżempju, igħid "*il-magħmudija, li issa ssalva lilkom,*" u Rumani 5:1 igħid li aħna "*ġġustifikati bil-fidi.*" Kull wieħed minn dawn huwa korrett, iżda ebda wieħed **waħdu** ma jgħid kollox dwar il-proċess tal-konverżjoni lejn Kristu. Il-vera problema tagħna hawn hija biex insibu *b'liema* mill-kmandamenti li qbilna dwarhom ilkoll bħala li huma t-tagħlim ta' Alla li persuna tkun attwalment miżjuda fis-Saltna jew "*mas-salvi*"? Liema huwa l-*att finali* ta' ubbidjenza li taċċetta l-offerta ta' Alla sabiex issir iben jew bint Tiegħu? Ħalli aħna nħarsu fil-Bibbja li fiha hemm "*dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 1:3).

Naqraw f'Galatin 3:27,

> "*Intom, li intom **mgħammda fi Kristu**, ilbistu 'l Kristu.*"

Dan il-vers jagħmilha ċara ħafna li huwa permezz tal-magħmudija li persuna tiġi mpoġġija "fi Kristu," fejn kull barka spiritwali bħas-salvazzjoni u ħajja eterna għandhom jinsabu. L-appostlu Pawlu jgħidilna f'Efesin 1:3,

> "*Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu: li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.*"

Fl-ewwel Korintin 12:13 naqraw,

> "*Għax aħna wkoll, ilkoll **tgħammidna fi Spirtu wieħed** biex nagħmlu ġisem wieħed.*"

Għal darb'oħra huwa ċar li l-magħmudija hija l-att li bih wieħed ikun imqiegħed fil-ġisem ta' Kristu. F'Rumani 6:4 nsibu b'liema att wieħed jibda biex igħix **ħajja ġdida**:

> "*Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna **ngħixu ħajja ġdida**.*"

"Ngħixu ħajja ġdida." Meta tibda din il-ħajja ġdida? **wara l-magħmudija** tgħidilna l-Kelma ta' Alla u mhux qabel! Jista' xi ħadd li jkun midfun ma' Kristu fil-mewt permezz tal-magħmudija *jibda ħajja ġdida* **qabel ma** jkun "imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier"? Kemm aktar u aktar jekk dik il-persuna lanqas tkun biss għadha ġiet "midfuna ma' Kristu" tista' tibda "ħajja ġdida"? kif igħallmu xi wħud li persuna ssalva bil-fidi biss! Atti 2:41 iżid ix-xhieda tagħha għall-istess konklużjoni

għaliex dan il-vers igħid sewwasew meta dawk li semgħu l-priedka ta' Piertru f'Pentekoste kienu kkunsidrati bħala parti mid-dix-xipli:

> "*Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar* ***ingħaqdu mad-dixxipli*** *madwar tlitt elef ruħ.*"

Luqa jgħidilna li meta huma għaddew mill-magħmudija, huma *mbagħad*, dak il-waqt kienu kkunsidrati Kristjani, parti mill-ġisem ta' Kristu, il-knisja Tiegħu.

Fl-aħħarnett, f'Atti 22:16 aħna naqraw stqarrija li l-Ispirtu s-Santu, permezz ta' Ħananija, għammed lil Pawlu għat-talba diretta tal-Mulej. Il-fidi ta' Pawlu, bħal ma jaqbel kulħadd, bdiet fit-triq għal Damasku. Hu kien diġa' beda jitlob u jsmu għal tlitt ijiem, xhieda ċara u definitiva ta' ndiema. Madankollu, il-messaġġier tal-Mulej qallu:

> "*Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek*" (Atti 22:16).

Hawn insibu raġel li kien diġa' emmen u kien diġa' nidem, imma li kien għadu sa dak il-waqt ħati ta' dnubietu, kien għadu *ma ndafx* minn dnu-bietu. Iżda **bil-magħmudija**, igħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Ħananija, dnubietu jiġu *maħsula*. Immaġina li int għandek idejk maħmuġin wara li lestejt xi biċċa xogħol u xi ħadd igħidlek biex issa tmur u taħsilhom ħalli tindaf, imma int twieġeb li int diġa' nadif għaliex temmen li *bil-fidi biss int tindaf*! Taħseb int li jdejk jindafu bil-fidi biss? Qabel ma int tmur u taħsel idejk bl-ilma nadif, idejk qatt ma jindafu! Hekk ukoll Pawlu, hu kien jemmen imma qabel ma hu tgħammed billi ndifen ma' Kristu bil-magħmudija u qam Miegħu, hu kien għadu ma ndafx minn dnubietu, ma nħasilx minn dnubietu. Li tgħid li wieħed illum jitlef dnubietu tal-passat qabel ma hu jilħaq il-punt tal-magħmudija huwa li toffri triq għas-sal-vazzjoni mhix miftuħa għal Pawlu jew kull wieħed li kkonverta fit-Testment il-Ġdid.

Mistoqsija li ssir minn xi reliġjużi li jgħallmu li persuna hija salva bil-fidi biss u qabel il-magħudija hija: "Hija l-magħmudija neċessarja għas-salvazzjoni?" It-tweġiba tagħhom hija "le." Imma hija din it-tweġiba aċċettata mill-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu? It-tweġiba tiegħi hija wkoll "Le." Għaliex mhix aċċettat dik it-tweġiba tagħhom? Ħalli nħallu l-Kelma ta' Alla tiggwidana għat-tweġiba t-tajba.

Ġesù Kristu **ikkmanda** lid-dixxipli tiegħu fejn qalilhom:

> "*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha,* ***u għammduhom*** *fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu: U għall-muhom iħarsu kulma ordnajtilkom jien:…*" (Mattew 18:19).

Fil-Vanġelu ta' Mark naqraw:

"*U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, u xandru l-evanġelju lil kull maħluq. Min jemmen* ***u jitgħammed****, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:15-16; enfasi tiegħi).

Żewġ mistoqsijiet sempliċi tiegħi lil dawk li jgħallmu li l-magħmudija *mhix* neċessarja għas-salvazzjoni huma dawn: "Hija l-magħmudija **kkmandata** minn Ġesù jew le?" "Hija l-magħmudija parti minn dak "**li ordnajtilkom jien**"?" It-tweġiba tiegħi għaż-żewġ mistoqsijiet hija IVA! Hemm xi ħadd li se jkun daqshekk prużuntuż li jwieġeb għal xi waħda minnhom LE, mhix ikkmandata minn Ġesù Kristu?

Issa, immaġina l-appostli jippriedkaw dak li **ordnalhom** Ġesù, jiġifieri, biex wieħed isalva dan għandu "jemmen **u jitgħammed**" u "jħares dak kollu li ordna Ġesù" u huma minflok jibdew jippriedkaw li l-magħmudija mhix meħtieġa jew neċessarja għas-salvazzjoni? Taħseb int li l-Mulej se jkun kuntent b'dak? Jekk wieħed isalva "bil-fidi biss" u qabel il-magħmudija, u l-magħmudija hija ordni li kkmandaha Ġesù, allura isma' xi tgħid il-kelma ta' Alla dwar dawk li *jobdu*:

"*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża* ***tas-salvazzjoni*** *ta' dejjem* ***għal dawk kollha li jobduh***" (Lhud 5:9).

Mhux ta' dawk kollha li **jemmnu** imma li **jobduh**! mela mhux "fidi biss" imma ubbidjenza wkoll! Aqra wkoll Mattew 7:24-26 u ara min hu dak li jibni daru fuq il-blat jekk hux dak li "jisma' **u jobdi**" jew le. (Ara wkoll Luqa 6:46-49 u Ġakbu 1:21-25.) Forsi xi ħadd minn dawk li jgħallmu li l-magħmudija mhix neċessarja għas-salvazzjoni jgħid: "Aħna nitgħammdu wkoll, u b'hekk inkunu qegħdin nobdu lil Ġesù." Le, l-iskop tagħhom tal-magħmudija mhuwiex l-iskop li Ġesù ordna u għalhekk kull ma jkun qiegħed isir huwa li dik il-persuna li tkun qed titgħammed tkun biss qed tixxarrab bl-ilma u xejn aktar.

Issa aħna nafu fejn qiegħed li persuna tkun "imqiegħda fi Kristu," "salva" mid-dnubiet tal-passat, u "ssir kreatura ġdida" biex tgħix ħajja ġdida —meta hija tkompli l-proċess sal-magħmudija. Il-ħwejjeġ l-oħra li aħna niżżilna huma meħtieġa wkoll, biex tgħix bħala Kristjan fidil u b'hekk biex fl-aħħarnett tkun approvata minn Alla jew salva għal l-eternità.

Id-differenza prinċipali dwar il-konverżjoni fost għaqdiet prominenti reliġjużi, allura, mhix għaldaqstant differenza fuq **x'inhuma** l-ordnijiet Bibliċi, imma differenza dwar **meta** wieħed hu salv, miżjud fil-ġisem ta' Kristu u b'hekk jgħamel parti **mis-salvi** jew saltna. Kif diġa' rajna, il-konverżjoni hija l-proċess li permezz tiegħu persuna ssir "fi Kristu." Bit-**twemmin** wieħed jibda lejn Kristu billi jpoġġi l-fiduċja tiegħu fih, u din il-fidi tkun approvata bi stqarrija pubblika. Bl-**indiema** huwa jersaq aktar

qrib lejn Kristu fil-waqt li hu jibdel ħajtu skond il-mudell li Kristu ta. Hu issa miet għad-dnub u bil-**magħmudija** jidfen il-ħajja l-qadima tiegħu u jkun imqajjem ħaj "fi Kristu," jibda "ħajja ġdida." Il-magħmudija hija funeral għar-raġel il-qadim u twelid tal-ġdid.

**FIDI – INDIEMA – STQARRIJA - MAGĦMUDIJA**

↓

| |
|---|
| **SALTNA** |
| **QIMA–STUDJU–MORALI–IMĦABBA–SERVIZZ-TAKTIR** |
| **KNISJA** |

Konverżjoni lejn Kristu tista' wkoll tiġi mxebbħa ma' twelid ta' tarbija. It-twelid naturali jibda b'konċepiment u jkompli sakemm jintemm il-proċess tat-twelid permezz tal-ħlas. Hekk ukoll it-twelid spiritwali jibda bil-fidi u jkompli bl-indiema billi jkun finalment komplut "fir-resqan 'il quddiem" fil-magħmudija. It-twelid ġdid spiritwali mhuwiex komplut mingħajr il-magħmudija daqs kemm it-twelid ta' tarbija ma jistax ikun komplut mingħajr il-ħlas.

Għandu jkun imsemmi hawn, li "b'salvi" aħna nirreferu għal dawk li kienu, bl-approvazzjoni tagħhom ta' Ġesù, jew bil-konverżjoni tagħhom, meħlusa mill-ħtija u l-jasar tad-dnubiet tagħhom tal-passat. Huwa, għal-hekk, eliġibbli li jsalvaw għal l-eternità jekk ma jegħjewx (Galatin 6:9) u "*jekk iżommu l-kelma sħiħa*" (1 Korintin 15:2).

Qabel ma nwieġeb jekk tkunx il-knisja ta' Kristu biss li ssalva, aħna għandna wkoll nistaqsu:

2. *Min huma "s-salvi" u x'inhuma dawk li huma "s-salvi" msejħa bħala grupp?*

A. Suppost li raġel kien salv skond il-mod li l-Bibbja tgħallem kif aħna diġa' rajna. Ta' liema grupp dan jagħmel parti issa? Huwa kien mgħammed fil-ġisem (1 Korintin 12:13), u mwieled mill-ġdid fil-familja ta' Alla (Ġwanni 3:5). Allura hu membru tal-ġsiem, is-saltna, u l-familja ta' Alla.

Iżda kull waħda minn dawn l-espressjonijiet hija biss xbieha li tirrappreżenta l-knisja ta' Kristu. Kolossin 1:18 igħidilna li l-ġisem ta' Kristu u l-knisja Tiegħu huma l-istess. F'Mattew 16:18 it-termini "knisja" u "saltna" huma wżati li jistgħu jinbidlu ma' xulxin u l-Iskrittura hija mimlija b'riferenzi għas-saltna li huma tassew tagħlim dwar il-knisja (ara Mattew 13). 1 Timotju 3:15 jitkellem dwar id-dar ta' Alla bħala li hi l-knisja.

Meta persuna tkun salva, allura, hija ssir, fl-istess mument, membru tal-knisja ta' Kristu, imfissra bħala fl-familja, saltna, u ġisem. Atti 2:47 jagħmel can ċar ħafna billi jgħid li:

"*U minn jum għal l-ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.*"

Il-knisja li dwarha aħna naqraw fit-Testment il-Ġdid allura, hija sempliċiment il-ġabra ta' dawk kollha li huma salvi, għaliex il-Mulej iżid magħha kull wieħed li Hu jsalva. Tista' inti taħseb dwar xi persuna fit-Testment il-Ġdid li għamlet **ħaġa waħda** biex issalva u **ħaġ' oħra** biex tidħol fil-knisja? L-eżempji kollha ta' konverżjoni fil-ktieb ta' Atti juru li n-nies ta' żmien l-appostli kienu mgħallma biex jemmnu, jindmu, u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom; u meta dan kien komplut huma kienu salvi u b'hekk kienu meqjusa bħala Kristjani, bħala membri tal-ġisem, is-saltna, il-familja, il-knisja.

B. Il-knisja, is-salvi, is-saltna, il-ġisem, il-familja—dawn kollha huma ismijiet Skritturali għal l-istess grupp ta' nies, dawk li komplew il-konverżjoni tagħhom lejn Kristu. Xi persuni jsejħu din il-ġabra ta' dawk kollha li huma salvi "il-knisja universali," għalkemm din il-frażi qatt ma hija wżata fil-Bibbja. Din il-knisja li dwarha aħna qegħ-din nitkellmu kienet, naturalment, l-unika knisja matul iż-żmien ta' l-appostli, għaliex dak iż-żmien kien hemm **waħda biss** (Efesin 4:4). Diviżjonijiet denominazzjonali fost dawk li jipprofessaw li jimxu wara Kristu ġew ħafna wara . Fil-fatt, dawk salvi kienu magħrufa biss bħala "il-knisja." Fi ħdax biss minn aktar minn mitt riferenza Biblika hija l-knisja msejħa xi ħaġa aktar milli "l-knisja," u huwa rriferut għaliha bl-isem ta' Sidha: "il-knisja ta' Alla" (1 Korintin 1:2); "il-knisja ta' l-ulied ewlenin" (Lhud 12:23); u l-"knisja ta' Kristu" (Rumani 16:16). Ebda waħda minn dawn, madankollu, qatt ma kienet intenzjonata biex tkun xi "titlu uffiċjali" għall-knisja. Dan huma pjuttost biss espressjoniet li jgħidu ta min il-knisja hi jew lil min is-salvi huma fdati. U għalkemm tliet frażijiet differenti huma wżati, huma, naturalment, kollha jirreferu għal l-istess knisja. Dawk kollha minna f'din il-knisja llum nirreferu għalina nfusna bħala "il-knisja ta'

Kristu" għaliex din hija waħda mill-frażijiet użati fl-Iskrittura u dan juri lil min aħna nappartjenu. Kristu qal li kien se jibni l-knisja tiegħu f'Mattew 16:18. Għalhekk il-knisja li aħna membri tagħha hija l-knisja ta' Kristu, dik il-knisja li Kristu qal li kien se jibni u li issa hija mibnija. Mhix ix-xewqa tagħna li dan isir "it-titlu uffiċjali" tal-knisja, għalkemm in-neċessità legali u l-kondizzjonijiet **maqsuma** reliġjużi jisfurzawna biex nużaw xi turija xierqa. Aħna nixtiequ lis-sitwazzjoni kienet bħal ma kienet fi żmien l-appostli fejn wieħed kien jista' jitkellem biss dwar "il-knisja," u kulħadd ikun jaf li hu rrifera għal dawk kollha li huma "salvi" permezz tad-demm ta' Kristu.

**Konklużjoni**

Issa biex inwieġeb għall-mistoqsija li aħna bdejna biha: "**Tkun biss il-knisja ta' Kristu li ssalva?**" Jekk aħna nissostitwixxu l-espressjoni "knisja" għal "knisja ta' Kristu," li, kif diġa' rajna mill-Iskrittura, tirreferi eżattament għal l-istess grupp ta' nies, allura l-mistoqsija tiġi taqra: "Tkun biss il-knisja li ssalva?" La darba aħna rajna li dawk "salvi" u l-knisja huma biss żewġ ismijiet mogħtija għal l-istess grupp ta' nies, b'hekk il-mistoqsija tinqara, "Ikunu biss is-salvi, salvi?"

Il-veru diffikultà imqanqla mill-mistoqsija ta' jekk humiex **biss** dawk fil-knisja ta' Kristu li jkunu salvi hija li nitgħallmu biex naraw il-knisja ta' Kristu minn veduta mhux denominazzjonali. Aħna, naturalment, ma jkollniex dritt li nemmnu li dawk biss "fid-denominazzjoni tagħna" jkunu salvi bid-denominazzjonijiet l-oħra kollha jkunu mitlufa, għaliex l-ebda *parti* minn ħaġa *sħiħa* ma tista' b'mod ta' raġuni jew ta' dehen tippretendi li hija kollox. Iżda meta huwa muri li dak li aħna nsejħu "il-knisja ta' Kristu" huwa biss isem Skritturali għal dawk kollha li ġew salvi minn Ġesù skond il-mod Tiegħu, mela mhuwiex iebes biex tifhem li dawk biss f'din il-knisja għandhom il-wegħda tas-salvazzjoni.

Imma xi ħadd ikun jixtieq jistaqsi, "xi ngħidu dwar dawk li huma fid-denominazzjonijiet?" Din hija mistoqsija tajba u jistħoqqilha tweġiba. Din il-mistoqsija tkompli tistaqsi: "Huma parti minn dan il-grupp salv jew mhumiex?" "B'denominazzjoni" d-dinja reliġjuża tfisser biss wieħed minn ħafna partijiet ta' dawk li jemmnu f'Ġesù Kristu. L-idea li kull per-suna fost dak kollha li huma salvi ("il-knisja universali") tista' tgħażel li taġġusta lilha nfisha ma' xi grupp ieħor iżgħar u b'hekk mhux biss tkun parti "tal-knisja universali" imma, wkoll, membru tad-denominazzjoni magħżula minnha.

Skond dan it-twemmin, li tkun membru ta' xi denominazzjoni m'għan-du xejn x'jaqsam ma' li persuna tkun salva, għaliex din il-fehma tissuġ-ġerixxi li wieħed ma jisseħibx ma' denominazzjoni sakemm *wara* li hu

kien diġa' salv, u rraġunat sewwa minn dawk li jżommu din il-fehma li wieħed huwa salv barra minn knisja denominazzjonali.

Il-knisja ta' Kristu, iżda, mhix denominazzjoni. Mhux bħal denominazzjonijiet, wieħed ma jagħżilx biex jissieħeb magħha **wara** li hu jkun salv, għax meta persuna tkun salvata permezz tal-pjan ta' Alla hija naturalment issir parti minn dak il-grupp li fuqu Kristu jsaltan—il-knisja Tiegħu. Jekk wieħed issieħeb ma' denominazzjoni ma jiddeterminax jekk hu qiegħedx fil-knisja ta' Kristu. Xi wħud kienu salvi u mbagħad issieħbu ma' xi denominazzjoni; oħrajn kienu ġew aċċettati f'denominazzjoni mingħajr ma komplew il-kondizzjonijiet għas-salvazzjoni ta' Alla. Dawk kollha li qatt ma spiċċaw il-konverżjoni tagħhom lejn Ġesù, kemm jekk f'denominazzjoni jew le, għandhom jagħmlu hekk qabel ma huma jiġu mgħaduda fost dawk li jaqsmu l-wegħdiet ta' Alla. Jekk intix fil-ġisem jew knisja ta' Kristu, allura jiddependi fuq jekk int obdejtx il-kondizzjonijiet ta' Alla li taċċetta l-offerta Tiegħu għas-salvazzjoni u mhux fuq jekk int isseħibtx ma' xi denominazzjoni.

Għandu jkun miżjud, naturalment, li l-idea kollha li taqsam id-dixxipli ta' Kristu f'denominazzjonijiet jew settet hija kuntrarja għax-xewqa ta' Ġesù u għat-tagħlim ta' l-appostli tiegħu. Qiegħed ukoll ikun evidenti aktar lin-nuqqas ta' għaqda fost dawk li jeżerċitaw il-Kristjaneżmu qiegħed ifixkel ix-xogħol ta' evanġelizzazzjoni tad-dinja lejn Kristu. Ġesù talab li dawk li jimxu warajh igħammru, mhux f'denominazzjonijiet li ma jaqblux bejniethom, imma f'għaqda perfetta (Ġwanni 17:21), u l-appostlu Pawlu hedded kull firda u spirtu ta' partiti fl-Ewwel Korintin 1:10 u f'Galatin 5:18-21. Dawk li kienu ġew salvati kif il-Bibbja tgħallem u li, wara li ħarsu t-tagħlim tagħha, ingħaqdu ma' xi denominazzjoni, huma ħatja f'li qegħdin igħinu għal aktar firda u għandhom joħorġu l-barra mix-xiżma u jagħtu l-fedeltà tagħhom lill-Kristjaneżmu sħiħ.

Aħna tlabna, allura, għalik u għal dawk kollha li jixtiequ jogħġbu lil Dak li ħalaqhom biex iħobbu lil Ġesù, li jimxu fuq id-direzzjonijiet Tiegħu biex b'hekk isalvaw; imbagħad il-Mulej *iżidek* mas-salvi, il-knisja Tiegħu, u mhux tissieħeb. Dawk kollha fil-knisja tiegħu għandhom ikunu membri tagħha **biss** u mhux jaqsmu lilhom infushom fi gruppi kontroversjalili jipponu lil xulxin u jbiegħdu lil dawk li mhumiex Kristjani.

F'lejla waħda, xi żmien ilu, jiena kellimt ġuvnot sinċier li kien qiegħed ifittex il-verità tal-Kelma ta' Alla u t-triq għas-salvazzjoni. Hu kien membru ta' denominazzjoni iżda billi hu sar membru tagħha ma kienx tassew għamel dak li l-Bibbja tgħallem dwar kif issir Kristjan. Għalkemm hu kien tgħammed, hu kien mgħammed minn wieħed li kien igħallem li hu kien salv *qabel* il-magħmudija u li kien, allura mgħaddas fl-ilma, mhux "*għall-maħfra tad-dnubiet*" (Atti 2:38), imma biex jagħmel parti minn de-

nominazzjoni. Meta hu fehem illi li tkun f'denominazzjoni mhuwiex dak li Alla tixtieq, hu kien jaf li l-magħmudija li hija ffurmata biex tagħmel sewwasew dak ma tistax li tkun tajba. Hu ried li jkun salv skond l-eżempji tat-Testment il-Ġdid u kien meħud "fl-istess siegħa tal-lejl," u ġie "mgħammed fi Kristu "—każ modern ta' konverżjoni l-istess bħal dawk fit-Testment il-Ġdid.

Inti tista' tkun salv bl-istess mod. Fil-fatt, inti m'għandekx wegħda minn Alla li tista' ssalva b'xi mod ieħor. Jekk inti tkun "fi Kristu," "im-wieled mill-ġdid," "salvat mid-dnub," imbagħad agħmel dak li Alla jikk-manda għas-salvazzjoni u Hu jagħmlek Tiegħu.

**IPPREŻENTAT MINN:**

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fl'indirizz ta' fuq.